# 6

*Kcina bungalow Delile. Tard wara nofsinhar*

*Hadd. Jidhol Delile, b'gagaga bajda, qalziet abjad u helmet bajda, li hemm irrakkmata fuqha fuqha l-kliem "Customer Care". B'subgha minnhom infaxxat. Jibqa' wieqaf ghal ftit hin. Joqghod bil-qieghda. Jerga' jqum. Ikompli se jbiddel. Tidhol Madame Delile*

| | |
|---|---|
| DELILE | Min fejn gej? |
| MME DELILE | X'kienet? |
| DELILE | Tidher bla nifs |
| MME DELILE | Ghaggilt<br><br>Ridt inkun haw' fi x'hin tidhol<br><br>Imbaghad<br><br>Paul ghad ghandu l-problemi rrid inkellmek fuqhom imma wara<br><br>Kif kien ix-xoghol? |
| DELILE | Taf li m'ghandhomx cloakroom ghall-impjegati? |
| MME DELILE | Imma Kif mort? |
| DELILE | Mort?<br><br>Manga passigga bejn l-ixkafef |

| | |
|---|---|
| | Mr Mrs nista' nghinkom ?<br><br>Dejjaqthom huma jibqghu ghaddejjin dak kollox jaraw imissu ma jridu xejn partikulari |
| MME DELILE | Fi ftit zmien tidra |
| DELILE | X'nidra? |
| MME DELILE | Tibda taghrafhom dawk li veru gew biex jixtru |
| DELILE | Iva |
| MME DELILE | Tibzax minn dawk jezistu wkoll ta' |
| DELILE | Iva |
| MME DELILE | Taf<br><br>Imma inti ma tridx tisma' minni |
| DELILE | M'inti tghid xejn gdid<br><br>Aghmilli kafé |
| MME DELILE | Kont ilni nhammem mort nitkellem fuqha ma' Helen biex niccara l-idejat<br><br>Das-subgha |
| DELILE | M'hu xejn<br><br>M'ghandhomx cloakroom imma ghandhom infermerija<br><br>Kont qed naghmel demonstration ta' serrieq lil mara b'kowt tal-fur li |

| | |
|---|---|
| | riedet tixtri rigal ghat-tifel taghha<br><br>harabli |
| MME DELILE | Xorti tajba mmens<br><br>Ix-xorti li tista' tghid dak li ghal zmien twil kont qed izzomm gewwa<br><br>Li tidher inti li kellek toqghod tistahba<br><br>Turi min vera inti u tezisti<br><br>U li int haddiem |
| DELILE | Ma rridx nahsdek Rose<br><br>Imma dan ix-xoghol huwa xoghol li ma jezistix xoghol brodu vvintat skon ic-citkustanzi mhux se jikkonfermawni bil-miktub Ivvintaw kollox huma u huma se jzarmaw kollox<br><br>Ghalihom naqra pubblicita' b'xejn u zgur li sahansitra se jithallsu mit-televizjoni biex idahhlu wiehed ta' 'l fuq minn hamsin sena jahdem maghhom imbaghad oops jibghatuh 'il barra "jiddispjacina. Nawgurawlek"<br><br>Ftehim mishut bejn il-management tal-Bricomarket u l-istazzjon televiziv kif jaqbel lilhom<br><br>in-naha tat-tnejn ma tantx fihom x'tafda |
| MME DELILE | Helen bhalek tahsibha ma tantx tafdahom Kugin taghha Berthier salesman fil-Bricomarket ta' Montpellier hekk jghidilha ma tantx tigihom biex jwieghdu 'l xulxin u wara ma jzommux kelmthom<br><br>L-ewwel iwieghdu u il-pitghada jdurilhom u qatt m'hu t-tort ta' hadd ghax hemm wisq livelli differenti bejn is-salesman tal-hanut u l-management Ewropew<br><br>Ghalhekk tahseb Helen li important fuq kollox li ma thallihiex ghaddejja okkazjoni bhal din li taghtihom cans isiru jafuk<br><br>Anke jekk ma jarawkx Pierre<br><br>Paul, wiccu mimli bid-demm, dahal, joqghod fil-genb |

| | |
|---|---|
| DELILE | Jaghzlu lil Blache |
| MME DELILE | Ma missikx tkellimt fuqu |
| DELILE | Min tkellem fuqu? Int kont |
| MME DELILE | Ghandek il-wicc tghidli hekk? |
| DELILE | Int tkellimt l-ewwel |
| MME DELILE | Imma inti ghedtilhom l-ewwel |
| DELILE | Veru jien ghedtilhom<br><br>Ghax huma lil Blache ghandhom bzonn |
| MME DELILE | Int taf?<br><br>Vincent Bonnemalle jaf hafna aktar minnek<br><br>Int inti ghandek vuci soda addattata<br><br>Blache ibezlaq bejn kelma u ohra<br><br>Int int ghandek l-onesta' imhaffra fuq wiccek<br><br>Blache mhux ghax tort tieghu imma dawn l-affarijiet jghoddu meta wiehed ikun fuq l-iskrijn l-impressjoni li l-affarijiet huma kif inhuma li dak li qed jintqal huwa veru u mhux mod iehor<br><br>Inti ghandek tikmix iktar minnu imma Pierre mhux zvantagg<br><br>Int rajtu z-zmien li dawn it-tfajliet iddedikawlek  dak ghax jahsbu li inti tajjeb<br><br><br>Kull m'hemm bzonn li jsir issa hu li taghmel il-pass mehtieg u li |

| | |
|---|---|
| | jhossu li inti determinat |
| DELILE | Tard wisq Rose<br><br>Qed tarani |
| MME DELILE | Iva qed narak<br><br>Kollok kemm int qed narak tghid dak li kellek tghaddi minnu<br><br>Imbaghad tghid kif hrigt minn din il-holma kerha |
| DELILE | Ghadha ma ntemmitx |
| MME DELILE | Ghid hekk biex tohrog minnha |
| DELILE | Imma jien ghedtilhom le |
| MME DELILE | Kienet l-ewwel reazzjoni tieghek<br><br>Huma kienu qed jistennewha zgur<br><br>Jistennew li ccemplilhom<br><br>Hallew numru tat-telefown tal-hotel taghhom<br><br>Hemm bzonn tistaqsi ghal Beatrice Lefeuve jew Adele Grandjouan qieghed miktub hemmhekk dawru t-telefown<br><br>Paul<br><br>Kemm ilek hemm?<br><br>hsibt |
| PAUL | SA hallewni nghaddi l-lejl ic-cipp dawn l-eghfiered |
| MME DELILE | Paul |

| | |
|---|---|
| | Korrut ukoll Alla tieghi |
| PAUL | Kienu erbgha m'ghandhomx x'jaghmlu kienu qed jitlajjaw gabruni daqslikieku kont ballun<br><br>Laghbu l-football mieghi bdew jippassjaw il-football Golet tani daqqa u mbuttani fuq Merolleau<br><br>Xi haga hekk tathom pjacir imbaghad qaluli biex immur niddobba qargha<br><br>Kif inhu sejjer ix-xoghol pa ? |
| DELILE | Brodu |
| MME DELILE | Mur lahlah taht il-vit<br><br>Qabel ma nghamillek ftit odju |
| PAUL | (hu u jaqbad il-beritta) Customer Care ghall-klijenti tal-Bricomarket<br><br>missieri ghandu uniformi kollha bajda jien kburi b'missieri hu rebah il-battalja tal-Bricomarket<br><br>Austerlitz u wara l-Bricomarket il-general Delile jahtaf il-Bricomarket taht idejh<br><br>Imma l-mument tal-glorja dan se jidher fuq it-televizjoni |